KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 49

**Il-Ħamis 17 ta' Novembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 49.1 Qari tal-Apoloġiji

49.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 48

49.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

49.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 48 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 49.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

49.3.1 Is-Sindku informa li għad hemm ħafna inċertezzi dwar il-kwistjoni tal-kuntratt tal-istreet lighting mal-Korporazzjoni Enemalta. Dan wara li l-kumpanija Micamed kienet fetħet mandat lir-Reġjun Tramuntana kollha kif ukoll lill-istess Enemalta.

49.3.2 Hawnhekk il-Kunsill sellem it-tifkira ta' wieħed mill-impjegati ta' Micamed, Daniel Spiteri, li kien miet aktar kmieni dakinhar wara inċident fuq il-lant tax-xogħol. Is-SE infurmat lill-Kunsill li wieħed għandu jistenna xi dewmien minħabba li s-Sur Spiteri kien jieħu ħsieb id-dawl kollu tar-Reġjun Tramuntana u għaldaqstant kien hemm probabbilità li jkun hemm perjodu fejn il-kuntrattur mhux se jkun jista' joffri s-servizz sakemm idaħħal *replacement* tiegħu.

49.3.3 Is-Sindku informa li kien qed jistenna risposta mingħand il-Ministru biex jara meta se jiġi ppubblikat it-tender.

## 49.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Lulju – Settembru 2022)

49.4.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Lulju sa Settembru hekk kif preparat mill-accountant tal-Kunsill.

49.4.2 Il-Kunsill approva r-rapport u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

## 49.5 Applikazzjonijiet għal Skemi

49.5.1 Is-SE infurmat li matul il-ġimgħat li għaddew, il-Kunsill kien daħħal 3 applikazzjonijiet għal skemi finanzjarji differenti. Waħda minnhom kienet dik li ssemmiet waqt l-aħħar laqgħa, fejn il-Kunsill rebaħ fondi biex jiġi organizzat festin tal-Milied għat-tfal u li kien se jinżamm fil-HeadQuarters tal-Imtarfa Scouts.

49.5.2 Kienu ddaħħlu wkoll applikazzjoni għall-fondi min-naħa tal-LESA għal tisbiħ tal-pjazzetta ta' San Oswald kif ukoll applikazzjoni għal fondi għal 30 pannella solari. Dwar dawn iż-żewġ applikazzjonijiet, il-Kunsill kien għadu ma kellu ebda risposta. Hija fakkret li kemm-il darba l-Kunsill jirbaħ il-fondi għal dawn iż-żewġ skemi, il-Kunsill kien fl-obbligu li jara kif se jsib il-fondi sabiex isir ix-xogħol preparatorju qabel jibda t-tisbiħ jew qabel jiġu installati l-pannelli solari.

49.5.3 Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha li fir-rigward tal-Pjazza ta' San Oswald, possibbilment isir xogħol fuq il-pavimentar li diġà hemm u mhux jitkisser il-konkos li hemm preżenti sabiex ma jkunx hemm ċaqliq fil-blat u biex jonqsu l-ispejjeż.

## 49.6 Pjan ta' Ħidma (2023 – 2025) - Infrastructure Malta

49.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' ittra rċevuta fl-uffiċċju tal-kunsill dwar pjan ta' ħidma minn IM għal-lokalità tal-Imtarfa fejn dawn kienu qed jallokaw 5,000 metri kwadri ta' toroq fil-konfini amministrati minna għal kull sena.

49.6.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-proposti tal-kunsill ikunu kif ġej:

1. Ex-Married Quarters, Triq l-Imtarfa
Tip ta' Intervent mitlub: Il-Kunsill qed jitlob li jsir parkeġġ bi lqugħ matul iż-żona u tisbiħ in ġenerali flimkien ma' rikostruzzjoni taż-żona

2. Triq l-Imtarfa – il-parti d-dejqa
Tip ta' Intervent mitlub: Rikostruzzjoni tat-triq u l-bankini

3. Parkeġġ fuq wara ta' Binja Qlejgħa
Tip ta' Intervent mitlub: Rikostruzzjoni tat-triq

4. Triq Sir Leslie Rundle
Tip ta' Intervent mitlub: Rikostruzzjoni ta' parti żgħira fejn il-wiċċ tat-triq tela' minħabba xi għeruq tas-siġar

5. Triq Sir David Bruce k/m Triq Sir Temi Zammit
Tip ta' Intervent mitlub: Rikostruzzjoni ta' żewġ sleeping policemen li huma għoljin b'mod eċċessiv u qed ikunu ta' periklu

6. Triq Gregorio Carafa
Tip ta' Intervent mitlub: Rikostruzzjoni tal-bankini u irranġar tal-parkeġġi

## 49.7 Attivitajiet tal-Milied

49.7.1 Is-SE fakkret li kienu se jiġu organizzati żewġ attivitajiet -

49.7.2 Xmas Market bil-fondi tar-Reġjun - Il-Kunsill kien qabel li l-fondi jinqasmu bejn iż-żewġ gruppi tal-iscouts biex issir attività f'daqqa. Min-naħa l-oħra wara li nbdew il-laqgħat bejn iż-żewġ gruppi, l-Imtarfa Scout Group kien iddeċieda li joħroġ minn din l-attività minħabba li ma

kellux riżorsi umani biex jagħti s-sehem tiegħu. Min-naħa tal-Baden Powell Scout Group kienu baqgħu għaddejjin bil-pjanijiet kif kienu ġew diskussi oriġinarjament. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li s-SE għandha tinforma lir-Reġjun Tramuntana li l-attività kienet se ssir minn NGO waħda biss. Hija infurmat li kienet se tibda tagħmel l-avviżi neċessarji fuq facebook għal din l-attività. Hawnhekk semmiet ukoll li kien hemm possibbiltà li tinġab żlitta b'Father u Mother Christmas għall-prezz ta' €325 għall-Xmas Market. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jidħol għal din l-ispiża bħala għajnuna għal din l-attività.

49.7.3 Filmat bil-fondi tal-iskema tas-Segretarjat – Hija kienet infurmat li min-naħa tal-Imtarfa Scout Group kienu aċċettaw li l-attività tal-filmat u festin tat-tfal jinżammu fil-Headquarters tagħhom. Għaldaqstant kien inħoloq poster biex ikun jista' jibda jiġi ċċirkulat fuq il-paġna tal-Kunsill u fil-ħwienet.

## 49.8 Punti Oħra

49.8.1 Is-Sindku informa li kien ġab tliet kwotazzjonijiet għal retainer għal servizz ta' avukat mal-Kunsill. L-irħas kwotazzjoni kienet dik ta' Dr Joseph Gerada. Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel lil dan l-avukat biex jagħti s-servizz legali skont il-kwotazzjoni li ssottometta. Hawnhekk qamet diskussjoni dwar l-ispiża ta' DPO. Kien hemm qbil li s-Sindku għandu jissuġġerixxi lir-Reġjun biex iqabbad DPO hu f'isem il-Kunsilli kollha u kull Kunsill jagħmel biss ħlas minimu lir-Reġjun għas-servizz tiegħu kull xahar. Kemm-il darba r-Reġjun ma jaqbilx, il-Kunsill kien se jara jekk dan l-avukat jistax jieħu wkoll din il-kariga għal €50 extra fix-xahar.

49.8.2 Is-SE infurmat li kienu saru l-ordnijiet għal tiżjin tal-Milied u li l-armar kien se jibda matul il-ġimgħa li ġejja. Hija infurmat li sal-aħħar ġimgħa ta' Novembru suppost li t-toroq ikunu bdew jinxtegħlu.

49.8.3 Sadanittant fakkret fuq l-inizjattiva biex jitpoġġew rigali taħt siġra tal-Milied. Il-Kunsill qabel mal-inizjattiva u li għandha tkun is-siġra li se tkun fil-pjazza, viċin tal-uffiċċju tal-pulizija tal-komunità.

49.8.4 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand il-GreenMT li dawn kienu se jwaqqfu s-servizz ta' ġbir ta' skart riċiklat u l-ġabra tal-ħġieġ nhar il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru minħabba li kienet se tiġi introdotta s-sistema l-ġdida mir-Reġjuni.

49.8.5 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva mandat mingħand is-Sinjorina Antonella Galea. Wara li ngħatat spjega żgħira dwar il-każ, hija infurmat li kienet intbagħtet risposta skont .

49.8.6 Is-SE infurmat li kien hemm kwistjoni għaddejja mal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart minħabba li nqabad jiġbor skart kummerċjali waqt il-ħin li suppost kien qed jiġbor l-iskart domestiku. Ha nsibu d-dettalji tal-wasteserv.

49.8.7 Is-SE infurmat ukoll li kien hemm ukoll kwistjoni oħra mal-istess kuntrattur fir-rigward tat-tindif tal-latrini fejn kienu ntbagħtu ritratti tas-sitwazzjoni verament maħmuġa li kienu jinsabu fiha aktar minn 24 siegħa wara li kienet għamlet ix-xita u għaldaqstant it-tajn u l-ilma li kien hemm fiha ma kinux ġustifikati. Naqtgħu ġurnata xogħol bħala default.

49.8.8 Is-SE infurmat li dakinhar kien inbeda x-xogħol tal-M&E's fuq il-binja tal-VC u għaldaqstant matul il-ġimgħat u x-xhur li ġejjin, ix-xogħol kellu jibda jimxi fuq ritmu mgħaġġel.

49.8.9 Is-SE infurmat li sid ta' krejn kien inqabad jaħdem fi Triq l-Istazzjon mingħajr ebda permess u kien għamel ukoll xi ħsara fuq bollard u ħalla wkoll xi żejt mal-art. Min-naħa tiegħu kien għarraf lill-Kunsill li kien lest jagħmel tajjeb għall-ħsara. Kien hemm qbil li l-Kunsill se jitolbu jħallas is-somma ta' €250.00.

49.8.10 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kienu attendew għad-diskussjoni li saret dwar ir-riforma fil-preżenza tad-Direttur Ġenerali u s-Segretarju Parlamentari. Kienu ġew diskussi punti u temi varji.

49.8.11 Is-SE infurmat li l-Periti kienu għaddewlha pjanta ta' kunċett għal tisbiħ għaż-żona tal-eks barracks. Kien hemm diskussjoni dwar din il-pjanta fejn kien hemm qbil li għalkemm l-ideat huma sbieħ, il-Periti ma kinux ħaddnu għal kollox ix-xewqa tal-Kunsill biex iż-żona titħaddar aktar. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom jiġu ssuġġeriti numru ta' emendi biex il-Kunsill ikun jista' juża din il-proposta għall-iskema ta' Urban Greening.

49.8.12 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera dwar il-Laqgħa Plenarja. Il-Kunsilliera kollha infurmaw li ma jistgħux jattendu.

## 49.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

49.9.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 11/2022), kopja tagħha mehmuża.

49.9.2 Il-Kunsillier Marika Sammut Dimech proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Simon Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 49.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

49.10.1 Il-laqgħa spiċċat *fit-8:10pm* u ġiet aġġornata għall-15 ta' Diċembru 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv